# MARL

# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL
## Għad-Dilettanti tar-Radju
## Maltin u Għawdxin

### Numru 66M

Awwissu 2011

## Fiċ-Ċentru mhux  permess tipjip



### Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Awwissu 2011 li hija is-66 ħarġa ta' din is-sensiela.

Wara li ingħatajna permess li napplikaw biex nużaw il-frekwenza tal-**500 kĦz**, hemm numru ta' dilettanti tar-radju li diġà applikaw, u fil-fatt Nathalino jew kif jafu kulħadd Fortunato **9Ħ1ES** diġa beda jittrasmetti fuq din il-frekwenza.

Kull min japplika qiegħed jingħata nominattiv **9Ħ9** u l-istess ittri tan-nominattiv normali tiegħu, jiġifieri, fil-każ ta' **9Ħ1ES** fuq il-**500 kĦz** ingħata **9Ħ9ES**, waqt li jiena ingħatajt **9Ħ9AV** minħabba li n-nominattiv normali tiegħi huwa **9Ħ1AV**.

S'issa **9Ħ9ES** instema minn numru ta' dilettanti tar-radju oħra u nittamaw li dalwaqt ikun hemm l-ewwel QSO bejn id-dilettanti tar-radju Maltin. Dawk kollha li naf bihom u li s'issa ingħataw liċenzja biex jesperimentaw fuq il-**500 kĦz** issibuhom aktar 'l isfel.

Aktar 'l isfel għandkom l-aħħar Statut tal-**MARL** kif ġie emendat fl-aħħar Laqgħa Ġenerali Straordinarja li saret aktar kmieni din is-sena.

Nieħu l-okkażjoni biex nifraħ lil Dominic li qiegħed jorganizza serje ta' lezzjonijiet prattiċi fl-elettronika u bini ta' apparat għaliex l-akbar gost huwa li tagħmel l-apparat inti, tużah u taħdem bih, kemm għaliex titgħallem aktar kif ukoll għaliex ikollok is-sodisfazzjon li tkun qiegħed tuża xi ħaġa li għamlit int. F'dan il-fuljett għandkom xi ritratti ta' dawn il-lezzjonijiet b'radd il-ħajr lil Dominic.

Nifraħ ukoll lil sħabna li qiegħdin jorganizzaw ikliet fiċ-Ċentru tal-**MARL** għaliex ix-xogħol mal-pjaċir jagħtik aktar pjaċir bl-aħħar ikla li se jorganizzaw se tkun nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu.

Għandkom ukoll l-aħħar informazzjoni minn pajjiżi oħra dwar il-frekwenzi tas-**70 MĦz** kif ukoll tal-**5 MĦz** fejn dilettanti tar-radju barranin ingħataw dawn il-frekwenzi. Aħna nittamaw li bħal ma ingħatajna permess għalkemm temporanju li nużaw il-frekwenza tal-**500 kĦz**, ningħataw ukoll permess nużaw dawn il-frekwenzi tas-**70 MĦz** u tal-**5 MĦz**.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq il-posta elettronika ġdida tiegħi **9h1avLaw at gmail dot com**

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

# Statut tal-MARL

Hawn taħt għandkom l-Istatut tal-**MARL** kif ġie emendat fl-aħħar Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

1.0.0 L-ISEM:

1.1.0 Dan għandu jkun MALTA AMATEUR RADIO LEAGUE - M.A.R.L. f'dan 1-istatut tissejjaħ 1-Għaqda.

2.0.0 GĦANIJIET TAL-M.A.R.L:

Il-M.A.R.L. għandha dawn l-għanijiet:

(a) Tiġbor fiha nies bil-għan li tkattar l-interess fl-Amateur Radio, u fil-fergħat differenti tiegħu.

(b) Tagħti pariri u titħaddet ma' l-awtoritajiet, suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-Amateur Radio u fil-fergħat differenti tiegħu.

(ċ) Tipprovdi dawk il-faċilitajiet għall-membri fil-qasam tat-tagħlim u prattika fir-radju u fil-fergħat differenti tiegħu.

(d) Tikkorrispondi u tibdel ideat u fehmiet ma' membri u ma' għaqdiet oħra Maltin kif ukoll barranin li għandhom l-istess ideali bħal dawk misjuba f'dan l-istatut.

(e) Biex tipprovdi faċilitajiet tal-Buro għall-membri kollha mħallsa regolarment fil-M.A.R.L.

(f) Biex tipprovdi faċilitajiet għal dawk li ma jkunux membri tal-M.A.R.L. iżda li jkunu jixtiequ jirċievu u jibgħatu QSL cards fil-Buro tal-M.A.RL., sakemm jiġu osservati r-regolamenti speċifikati għal dan is-servizz.

(g) Tipprovdi faċilitajiet u tieħu sehem f'attivitajiet u ħtiġijiet ta' emerġenza nazzjonali.

(h) Il-Kumitat għad-diskrezzjoni tiegħu jirriserva d-dritt li juża : il-post ta' l-avviżi, il-paġni tas-sit elettroniku kif ukoll permezz tal-grupp tal-posta elettronika ta' l-għaqda biex jinforma lil membri dwar xi avviżi u dwar xi attivitajiet organizzati f'isem l-Għaqda.

(i) Minħabba żviluppi teknoloġiċi, il-Kumitat minn żmien għal żmien għandu jara kif l-aħjar ikun jista' jikkomunika mal-membri, inkluż l-avviżi tal-laqgħat u kull xorta ta' avviżi oħra biex inaqqas l-ispejjeż tal-posta u spejjeż oħra

3.0.0 STATUS TAL-GĦAQDA:

3.1.0 Il-M.A.R.L. hija għaqda b'amministrazzjoni awtonoma u hija esklussivament ta' natura volontarja, u ma taħdimx bi skop ta' qliegħ.

4.0.0 ĊENTRU TAL-M.A.R.L.

4.0.1 Il-M.A.R.L. għanda bħala dar:
IĊ-ĊENTRU TAL-M.A.R.L.
QASAM INDUSTRIJALI, TRIQ NOTABILE, Ħ'Attard.

F’każ li jinbidel l-isem jew in-numru ta‘ dan il-post jew l-indirizz, din il-klawsola tinbidel mingħajr il-ħtieġa ta‘ emenda għall-istatut.

4.1.1 Iċ-Ċentru tal-M.A.R.L. jiftaħ nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Ħamis mis-6:00 pm sat- 8:00 p.m., u l-Ħadd bejn l-10:00am u 12:00pm.

4.1.2 Biex iċ-Ċentru jkun jista’ jinfetaħ f’xi jiem oħra, bħala eżempju festi pubbliċi, festi reliġjużi jew sibtijiet biex issir manutenzjoni jew xi attivita’ uffiċjali organizzata mill-M.A.R.L., jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kumitat. Attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu mgħarrfa lill-membri ġimgħa qabel.

4.1.3 Iċ-Ċentru jista’ jinfetaħ, tkun xi tkun il-ġurnata sakemm ikun hemm preżenti membru tal-Kumitat.

5.0.0 SĦUBIJA:

5.0.1 Il-M.A.R.L. tħaddan fiha lil dawk kollha interessati fl-Amateur Radio u fil-fergħat differenti tiegħu, sakemm il-membru jaċċetta l-klawsoli kollha ta’ dan l-istatut.

5.1.0 PROĊEDURA GĦAS-SĦUBIJA:

5.2.1 Kull applikazzjoni għas-sħubija nominata u sekondata minn żewġ (2) membri għanda tiġi milquha mis-Segretarju, li għandu l-obbligu li jesponi t-talba għas-sħubija fil-post prominenti mħejji apposta, għal ħmistax-il jum (15) mid-data ta’ l-applikazzjoni.

5.2.2 Kull membru għandu dritt jagħmel oġġezzjonijiet għas-sħubija ta’ xi individwu. Oġġezzjonijiet bħal dawn, għandhom isiru bil-miktub, u jingħataw lis-Segretarju fiż-żmien li matulu l-applikazzjoni tkun esposta għall-wiri lil-membri.

5.2.3 Il-Kumitat jista’ wkoll joġġezzjona għas-sħubija ta’ xi individwu. Din 1-oġġezzjoni trid issir ukoll bil-miktub.

5.2.4 Id-deċiżjoni tal-Kumitat fuq kull oġġezzjoni, wara konsultazzjoni man-nominant u s-sekondant, hija finali, u l-Kumitat mhux obbligat jagħti spjegazzjoni.

5.3.0 DRITTIJIET U DMIRIJIET:

5.3.1 Kull membru għandu dritt juża 1-faċilitajiet kollha li tipprovdi 1-Għaqda.

5.3.2 Kull membru huwa suġġett għal dawn id-dmirijiet:

(1) Imġieba tajba u retta waqt 1-attivitajiet ta’ l-Għaqda.

(2) Imġieba tajba fiċ-Ċentru ta’ l-Għaqda.

(3) Attendenza regolari għall-attivitajiet tal-M.A.R.L.

(4) Kura sħiħa tal-propjeta tal-M.A.R.L. u tal-propjeta’ ta’ membri oħra.

(5) Li fiċ-Ċentru tal-M.A.R.L. u waqt attivitajiet oħra organizzati minnha jew f’isimha ma jsirx kliem fuq suġġetti kontroversali, inkluża il-politika.

6.0.0 AMMINISTRAZZJONI:

6.1.0 Il-M.A.R.L. għandha tkun amministrata minn Kumitat magħmul minn disa’ (9) persuni:
President
Viċi President
Segretarju
Viċi Segretarju
Teżorier
Vici Teżorier
Club Manager
Żewġ (2) membri

Il-President, is-Segretarju u t-Teżorier għandhom ikunu bil-liċenzja tar-Radio Amateur, u jkunu ilhom imseħbin fil-M.A.R.L. għal mhux anqas minn sentejn (2) wara xulxin. Ħames membri oħra jridu jkunu membri bil-liċenzja ta’ Radio Amateur.

6.2.1. DMIRIJIET TAL-KUMITAT:

(1) Iżomm kuntatt dirett ma’ l-Awtoritajiet responsabbli ta’ l-Amateur Radio.

(2) Iżomm kuntatt dirett mal-I.A.R.U. (region 1).

(3) Iżomm kuntatt dirett ma’ Għaqdiet oħra kemm Maltin kif ukoll barranin. B’dawn il-kuntatti għandu jiġi mfittex l-aħjar interess tar-Radio Amateurs kollha ta’ Malta.

(4) Jorganizza attivitajiet kemm tekniċi u kif ukoll soċjali.

(5) Imexxi l-QSL Buro.

(6) Joħroġ Awards.

(7) Jipprovdi Librerija.

(8) Jaħtar QSL Manager, Awards Manager, u kull kariga oħra li teħtieġ il-I.A.R.U., kif ukoll kull ħaġa oħra li jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien.

(9) Jaħtar HF, VHF u SHF Managers skond il-ħila teknika, ħeġġa w impenn tagħhom fil-kariga li jinħatru fiha.

(10) Il-Kumitat jista’ jaħtar sotto-kumitati għal għanijiet li jidhirlu meħtieġa biex imexxu ‘l-quddiem l-Għaqda u l-għanijiet tagħha. Dawn is-sotto kumitati jistgħu jkun fihom membri ta’ l-Għaqda li ma jkunux membri tal-Kumitat.

6.2.2 Il-Kumitat għandu jiltaqa’ mill-anqas darba fix-xahar. Jekk xi membru ma jkunx preżenti għall-laqgħa tal-Kumitat għal tlett (3) laqgħat wara xulxin, mingħajr ġustifikazzjoni, jkun meqjus li rriżenja mill-Kumitat.

6.2.3 Il-Kworum għandu jkun ta’ ħamsa (5) inkluż il-President.

6.2.4 Il-Kumitat idum iservi għal sentejn (2).

6.2.5 Fil-każ li post ta'membru fil-Kumitat jisfa' battal għandu jimla il-post dak li fl-aħħar elezzjoni jkun ġab l-aktar voti minn dawk li ma telgħux. Jekk ma jkunx hemm min jimla dan il-post, il-kumitat jista' jaħtar membru permezz ta' kopzjoni.

6.2.6 Jekk ma jkunx hemm biżżejjed membri li joħorgu għall-elezzjoni, il-Kumitat li jkun tela' jista' jagħmel kopzjoni ta' membru biex jifforma il-Kumitat.

6.3.0 DMIRIJIET ĠENERALI TAL-KUMITAT:

6.3. 1 Il-President huwa responsabbli mill-Kumitat.

6.3.2 Is-Segretarju huwa responsabbli mill-korrispondenza u mill-minuti ta' kull laqgħa.

6.3.3 It-Teżorier huwa responsabbli mill-ġbir u ż-żamma bil-miktub tal-ħlas tal-membri kif ukoll mill-finanzi kollha ta' l-Għaqda. Huwa awtorizzat biex flimkien ma' persuna jew persuni oħra jżomm kontijiet fil-Bank, u jżomm f'idejh mhux aktar minn tliet mija u ħamsin Euro €350 biex jilħaq mal-ħtiġijiet ta' l-Għaqda. Kull ħlas dirett ma jistax jaqbeż il-mija u erbgħin Euro €140. Fil każ ta' aktar irid il-permess tal-Kumitat.

6.3.4 Il-Manager taċ-Ċentru huwa responsabbli biex iżomm inventarju tal-propjeta' tal-M.A.R.L. u jieħu ħsieb flimkien ma sotto-kumitat il-manutenzjoni u kull ħaġa oħra li jkun jeħtieġ iċĊentru.

6.3.5 Il-President u s-Segretarju huma r-rappreżentanti legali għall-M.A.R.L.

6.3.6 Il-Managers ta' l-HF, il-VHF, u l-SHF għandhom iħejju programm ta' attivitajiet fil-bidu tas-sena u jagħtu rendikont tal-ħidmiet tagħhom f'kull Laqgħa Ġenerali Annwali.

6.4.0 Il-Kumitat għandu minn żmien għal żmien juri l-għarfien ta' l-Għaqda lejn individwu jew individwi li jkun jew ikunu taw kontribut siewi għall-avvanz tal-Amateur Radio.

6.5.0 LAQGĦA ĠENERALI:

6.5.1 Kull Laqgħa Ġenerali tiġi mgħarrfa lill-membri mill-anqas 21 jum qabel, permezz ta' ċirkulari li fiha għandha titħabbar id-data, il-post u l-ħin li fihom tkun ser issir il-laqgħa.

6.5.2 Il-Laqgħa Ġenerali għandha tissejjaħ bejn l-1 u t-28 ta' Frar. L-aġenda għal-laqgħa ġenerali għandha tintbagħat lill-membri kollha mħallsa regolarment sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta'qabel dik li fiha tkun ser issir il-laqgħa.

6.5.3 Is-Segretarju għandu jagħti żmien lill-membri sa meta' jistgħu jwasslulu mozzjonijiet għad-diskussjoni matul il-Laqgħa Ġenerali. Dawn għandhom jiġu mgħarbla u jistgħu jiġu maqbula mill-Kumitat. Il-Kumitat ma għandux dritt iwaqqaf xi mozzjoni milli tasal quddiem il-Laqgħa Ġenerali għad-diskussjoni, sakemm dik il-mozzjoni ma tkunx tmur kontra dan l-istatut. F'kas bħal dan, is-Segretarju għandu jagħti tagħrif fil-Laqgħa Ġenerali dwar dik il mozzjoni. Tista' fil-waqt dedikat għall-membri matul il-Laqgħa Ġenerali, issir diskussjoni fuq mozzjoni hekk imwaqqfa.

6.5.4 L-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali għandha tinkludi fost oħrajn:
Qari, diskussjoni u approvazzjoni tal-Minuti
Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv.
Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.
Ħatra ta' Awditur

Għandha tispeċifika illi jistgħu jieħdu sehem fid-diskussjoni u fil-votazzjoni dawk il-membri BISS li jkunu mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta'qabel, u li jkunu ġeddew is-sħubija tagħhom għas-sena l-ġdida sal-bidu tal-laqgħa.

6.6.0 ELEZZJONI TAL-KUMITAT:

6.6.1 Biex wieħed ikun jista' jikkontesta għall-elezzjoni, irid jitfa' n-nominazzjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem (10) qabel id-data li tkun ġiet iffissata għall-elezzjoni.

6.6.2 Għandha tinħatar Kummissjoni biex tieħu ħsieb din 1-elezzjoni.

6.6.3 Il-votazzjoni tista' ssir kemm dirett kif ukoll bil-posta.

6.6.4 Ir-riżultat ta' l-elezzjoni għandu joħroġ mhux aktar tard minn tlett ġimgħat (3) wara l-Laqgħa Ġenerali.

6.6.5 Il-ħatra ta' 1-uffiċjali tal-Kumitat issir minn fost l-istess membri li jkunu ġew eletti f'din l-elezzjoni.

6.7.0 LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA:

6.7.1 F'każ ta' ħtieġa tista' tiġi msejjħa Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex tagħrbel il-qagħda li minħabba fiha laqgħa bħal dik tkun inħtieġet. Din tista' tissejjaħ:

(a) mill-membri tal-kumitat li jkun fil-kariga, jekk ikun hemm qbil bejniethom b'maġġoranza sempliċi.

(b) minn tletin (30) membru tal-M.A.R.L. li jkunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

7.0.0 DIXXIPLINA:

7.1.0 Kull membru għandu jħares id-dmirijiet tiegħu bħala membru, u jekk jonqos, ikun suġġett għad-dixxiplina.

7.2.0 TKEĊĊIJA JEW INTERDIZZJONI TA' MEMBRU:

7.2.1 Individwu membru tal-M.A.R.L. li jinstab ħati mill-istat li kiser jew naqas li jħares ir-regolamenti ta' l-Amateur Radio, u li minħabba f'hekk tiġi rtirata lilu il-liċenzja ta' Radio Amateur, jew li jiġi interdett milli jkollu liċenzja ta' Radio Amateur, huwa wkoll awtomatikament interdett milli jissieħeb fil-M.A.R.L. u għandu jiġi mkeċċi u interdett mis-sħubija, jekk ikun diġa' membru. Jista' jiġi mkeċċi wkoll kull membru li jkun ħati ta' ksur serju ta' dan l-istatut. Tkeċċija bħal din għandha jkollha appoġġ tal-maġġoranza tal-Kumitat, wara li l-membru jkun ingħata l-opportunita' li jiddefendi ruħu.

8.0.0 EMENDI GĦALL-ISTATUT:

8.1.0 Dan 1-istatut jista' jiġi emendat waqt Laqgħa Ġenerali jew Straordinarja b'maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti u regolarment imħallsa.

8.2.0 Biex issir emenda għall-istatut, jeħtieġ illi l-emenda proposta tiġi ċirkolata lill-membri, qabel il-jum tal-laqgħa.

8.3.0 Għal dan il-għan, emendi għall-istatut għandhom jaslu għand is-Segretarju ta' l-anqas ħmistax-il jum qabel.

8.4.0 Biex tkun valida, emenda għandha tiġi proposta minn żewġ (2) membri, u sekondata minn żewġ (2) membri oħra.

8.5.0 Il-Kumitat jista' jressaq emendi għall-istatut.

8.6.0 Illi jekk meta l-Għaqda tiġi biex tkun reġistrata bħala Għaqda Volontarja li ma tagħmilx qliegħ, il-Kummissarju ta' l-Għaqdiet Volontarji li ma jagħmlux Qliegħ jitlob li jinbidel xi kliem f'xi provvediment, dan ikun jista' jsir mill-Kumitat mingħajr il-ħtieġa li joqgħod jinġieb quddiem Laqgħa Ġenerali Straordinarja jew xi laqgħa oħra.

9.0.0 XOLJIMENT TAL-M.A.R.L.:

9.1.0 F'każ li l-M.A.R.L. ma tibqax tiffunzjona aktar, l-aħħar Segretarju, jew fl-assenza tiegħu, l-aħħar President, jew fin-nuqqas tiegħu l-aħħar Teżorier, jew fl-assenza ta'dawn kollha, żewġ membri ta' l-aħħar kumitat, jistgħu jsejjħu Laqgħa Ġenerali Straordinarja, fejn tinħatar persuna biex tmexxi l-Laqgħa dak il-ħin, u tiġi diskussa il-qagħda tal-M.A.R.L.

9.2.0 Deċiżjoni dwar ix-xoljiment tal-M.A.R.L., biex tkun valida, trid tkun ittieħdet mill-anqas nofs u wieħed tal-membri regolarment imħallsa matul 1-aħħar sena, jekk dan ma jkunx possibbli, x-xoljiment għandu jkun awtomatiku.

9.3.0 Il-flus u propjeta' oħra li jista' jkun hemm f'dak iż-żmien għandhom jingħataw lil xi Għaqda jew Għaqdiet oħra li ma jagħmlux qliegħ fil-Gżejjer Maltin li jkunu fuq l-elenku uffiċjali ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji jew Filantropiċi, liema Għaqda jew Għaqdiet ikollha jew ikollhom l-istess għanijiet tal-M.A.R.L. jew lil Mużew Nazzjonali Pubbliku tar-Radju u/jew Televiżjoni jekk ikun hemm wieħed jew aktar skond id-deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

10.0.0 INTERPRETAZZJONI:

10.1.0 L-interpretazzjoni ta' dan 1-istatut hija kif jifhimha il-Kumitat.

## 500 kĦz

L-aħħar aħbarijiet fuq din il-frekwenza huma li fl-Olanda issa se jingħataw permess jaħdmu fuq din il-frekwenza u eżattament bejn **501** u **505 kĦz.** Huma se jingħataw permess sa' l-1 ta' Jannar 2014 sakemm il-Konferenza Dinjija ma tagħtix allokazzjoni lis-servizz tad-dilettanti tar-radju għaliex imbagħad il-permess ma jkunx biss sa' l-1 ta' Jannar 2014.

Tajjeb li tkunu tafu li aktarx se jkun hemm qbil bejn l-Għaqdiet tad-Dilettanti tar-radju li l-proposta li se titressaq quddiem il-Konferenza ta' l-Għaqda Dinjija tal-Telekomunikazzjoni se tkun xi ftit differenti minn **500 kĦz** u se tkun iktar baxxa.

Da huwa fil-parametri li l-**IARU** kienet qed tressaq, jiġifieri allokazzjoni bejn **415 u 515 kĦz.**

Kif tafu issa min irid jistà japplika biex ikun jistà jaħdem fuq din il-frekwenza f'Malta. Nifirħu lil **Fortunato 9Ħ1ES** li kien qiegħed jittrasmetti fuq din il-frekwenza u hawn taħt għandkom xi ritratti fejn qiegħed jaħdem minn Wied Rini.






VHF 525





Fortunato qiegħed juża vertikali ta' kwart ta' mewġa ¼ λ (150 metru) bejn żewġ torrijiet, u instemà minn **Mansueto** **9Ħ1GB**, **John** **9Ħ1XT**, **Frank** **9Ħ1BM** u **9Ħ1SN**.

Mid-dar qiegħed juża fil twil ta' 120 pied u instemà minn **9Ħ1GB** u **9Ħ1BM**. Ir-rapporti kienu **579**.

Kull min jirċievi liċenzja biex jaħdem fuq **500 kĦz** jekk jogħoġobkom infurmawni biex inżommu lil kulħadd aġġornat.

S'issa applikaw u ġew awtorizzati jaħdmu fuq din il-frekwenza f'ordni alfabetika.

| **Nominattiv Normali** | **Nominattiv fuq 500 kĦz** |
|---|---|
| **9Ħ1AV** | **9Ħ9AV** |
| **9Ħ1BM** | **9Ħ9BM** |
| **9Ħ1BT** | **9Ħ9BT** |
| **9Ħ1ES** | **9Ħ9ES** |
| **9Ħ1XT** | **9Ħ9XT** |

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Tmiem il-Ġimgħa tal-Fanali u Vapuri tal-Fanali

Infakkarkom li fil-20 u l-21 ta' Awwissu hemm tmiem il-ġimgħa tal-Fanali u tal-Vapuri tal-Fanali li jsir kull sena. Malta kienet ħadet sehem bejn l-1999 u l-2004. Hemm min huwa interessat li jaħdem minn ħdejn xi Fanal minn Malta? Hemm il-Fanal ta' Dellimara, tal-breakwater u oħrajn. Aktar Dettalji ssibuhom fuq **http://www.illw.net/**

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Eżami tad-Dilettanti tar-Radju

Wara li saru l-eżamijiet bil-kitba fit-30 ta Lulju 2011, hawn taħt għandkom ir-riżultati miksuba bla ebda ordni speċifika. Kollha għaddew mill-Karta 1 u Karta 2 u jistgħu japplikaw għal nominattiv **9Ħ5**.

**Zarb John**
**Cassar Carmelo**
**Debarro Michael John**
**Magrin Emanuel**
**Cassar Matthew**

Nifirħulkom ilkoll u anki tifħir speċjali għall-għalliema dedikati tagħkom.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## 70 MĦz

L-aħħar aħbarijiet fuq din il-frekwenza huma li l-Olanda se tawtorizza lid-dilettanti tar-radju tagħha biex ikunu jistgħu jaħdmu wkoll fuq din il-frekwenza. Huma se jkunu jistgħu jaħdmu bejn **70 MĦz u 70.5 MĦz**.

Kemm fuq din il-frekwenza kif ukoll fuq il-**500 kĦz** irid isir xi tibdil fil-liġi qabel huma jkunu jistgħu jaħdmu fuq dawn il-frekwenzi.

Nawguraw li huma ma jdumux ma jibdew jaħdmu fuqhom kif nawguraw li aħna wkoll ningħataw permess nużaw din il-frekwenza tas-**70 MĦz**

Skond Jean-Jacques **ON7EQ**, id-dilettanti tar-radju Belġjani li kienu ingħataw il-frekwenza ta' **69.950 MĦz** beix jesperimentaw fuqha kienu talbu u qed jistennew li jingħataw firxa akbar ta' frekwenzi u hemm ċans kbir li jingħataw allokazzjoni sħiħa bħal pajjiżi oħra, jiġifieri **70.0 MĦz sa 70.5 MĦz.**

Spanja kienu ingħataw bi prova il-frekwenza **70.15 MĦz sa' 70.2 MĦz** u issa skada ż-żmien fl-1 ta' Lulju. L-Għaqda tad-Dilettanti tar-Radju Spanjoli il-**URE** permezz tas-Segretarju Ġenerali **Salvador Bernal Gordillo, EA7SB** applikat lill-awtoritajiet Spanjoli biex huma jingħataw allokazzjoni bħal pajjiżi oħra, jiġifieri **70.0 MĦz sa' 70.5 MĦz.**

Huwa interessanti li l-European Radiocommunications Office (**ERO**) fi studju li kien għamel "Detailed Spectrum Investigation (DSI)" fl-1995 kien issuġġerixxa li d-Dilettanti tar-Radju għandhom jingħataw mill-inqas **100 kĦz** ċentrati fuq **70.2 MĦz**

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Kondoljanzi

F'ismi u f'isem il-Kumitat nixtieq nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari ta' John Galea **9Ħ1JG**, **G0AIS** li ħalliena biex imur jiltaqà mal-Mulej.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## 5MĦz

L-aħħar aħbarijiet fuq din il-frekwenza huma li d-dilettanti tar-radju Slovakki ingħataw permess biex jaħdmu fuq din il-frekwenza. Stazzjonijiet **OM** jistgħu jużaw bejn **5.2582 u 5.2615 MĦz** b'saħħa ta' **100 Watt**. Il-liċenzji huma validi għal sena. Madankollu, kif dejjem jiġri f'pajjiżi oħra, din tiġi mġedda u anki jingħataw firxa ta' frekwenzi akbar.

Nittamaw li xi darba anki aħna ningħataw din il-frekwenza.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Lill-Membri kollha tal-MARL

Sejra ssir ikla fiċ-ċentru tal-MARL fit-tnejn (2) ta' Awwissu fid-19:00.

Kulħadd huwa mistieden u qed nistenna attendenza kbira.

Għal aktar informazzjoni ikkuntattjaw lil **Mario 9Ħ1TM**, **Raymond 9Ħ1EI** u **George 9Ħ1AT**.

Il-kok ewlieni huwa **George 9Ħ1AT** u l-kokijiet l-oħra responsabbli mit-tisjir huma **Mario 9H1TM** and **Raymond 9H1EI**.

Nixtieqilkom l-isbaħ xewqat.

**Natalino 9Ħ1ES, 9Ħ9ES**

Majjal il-forn bil-patata, ġbejniet tal-bżar, zalzett, bigilla, karawett, ġelat u inbid kemm tiflaħ tixrob.

Mingħand **Mario**, **9Ħ1TM**

## Sessjonijiet ta' Prattika Elettronika fil-MARL

Bħalissa qed isir Kors fil-Prattika Elettronika fiċ-Ċentru tal-**MARL**. Dan jinkludi l-aktar Disinjar u Bini tal-Proġetti.

Lezzjonijiet huma mogħtija fuq l-elettronika bażika, komponenti, apparat tal-kejl u teknika ta' saldjar. Attenzjoni personali hija mogħtija lil dawk li huma ġodda f'dan il-qasam.

Kulħadd huwa involut fit-twaqqif u fit-tfittxija tal-komponenti. Dan kollu jikkontribwixxi għal xogħol kbir flimkien. L-ewwel proġett huwa Generatur ta' funzjoni fuq frekwenzi awdjo. Ara r-ritratti aktar 'l isfel. Proġetti oħra jiġu wara. Dawn jinkludu dawn li ġejjin:

Kalkulatur taFrekwenza Diġitali
Kalkulator LC diġitali
ESR Meter
Dip Meter
Transriċevitur Digital QRP komplut

Aħna se nkunu qed nagħmlu wkoll xi lezzjonijiet fiq mikrokontrolluri u kif nistgħu nużawhom fid-delizzju tagħna billi nibnu u nipprogrammaw moduli varji.

Aħna se nibdew nużaw l-Klassi l-ġdida bil-ħanut tax-xogħol ħdejha. Dawk li jistgħu jgħinu norganizzaw l-affarijiet huma aktar minn milquha .

Dawn li huma interessati li jieħdu sehem f'dawn is-sessjonijiet jistgħu jikkuntattjaw lil **Dominic 9H1M** bil-posta elettronika.

**9h1m at live.com**. Ma hemmx retrizzjonijiet/limitazzjonijiet ta' età jew kapaċità.

**73 Dominic Azzopardi 9H1M**
*Tech.Eng (Cert.Ind.Elec).* ***IEEE***, ***ITV*** *(Sys.Eng.Dsn)*
**IARUMS**-Malta Cordinator
**ARISS**- Malta Cordinator









# Attivitajiet tal-MARL

## Ikla

**Sejra ssir ikla fiċ-ċentru tal-MARL nhar it-Tlieta (2) ta’ Awwissu fid-19:00.**

**Kulħadd huwa mistieden.**

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattjaw lil Mario 9Ħ1TM, Raymond 9Ħ1EI u George 9Ħ1AT.**

**Il-kok ewlieni huwa George 9Ħ1AT u l-kokijiet l-oħra responsabbli mis-sajran huma Mario 9H1TM and Raymond 9H1EI.**

## Menu

**Majjal il-forn bil-patata, ġbejniet tal-bżar, zalzett, bigilli, karawett, ġelat u inbid kemm tiflaħ tixrob.**

## Grupp tal-Jaħoo

**Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.**

**Tinsewx li se jkollna attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin u jista’ jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa’ ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta’ l-internet.**

**Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9Ħ1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp**

**Infakkrukom ukoll li kull min irid jista’ jniżżel dan il-Fuljett direttament minn fuq www.9h1mrl.org/newsletter.htm**

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**